MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2010

**A B u Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-8 ta' Lulju 2010 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri C D**

**-vs-**

**E D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti u l-intimat E D m'humiex mizzewgin;

Illi nhar il-5 ta’ Gunju tas-sena 2005 twieldet il-minuri C D u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. RV1;

Illi nhar il-11 ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), permezz ta’ Att ta’ Rikonoxximent fl-Atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa, l-intimat E D irrikonoxxa lill-minuri C bhala bintu u dan kif inhu evidenzjat mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. RV2;

Illi fiz-zmien relattiv ta’ dan ir-rikonoxximent imsemmi, ir-rikorrenti kienet genwinament temmen li l-intimat E D kien il-missier naturali tal-minuri C u kien proprju minhabba din il-konvinzjoni li hija tat il-kunsens taghha biex l-intimat E D jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu;

Illi llum il-gurnata, anke wara kalkolazzjoni tal-granet relattivi fiz-zmien tal-koncepiment, jirrizulta lir-rikorrenti li fil-fatt, l-intimat mhux il-missier naturali tal-minuri C;

Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta’ bintha jkun jirrispekkja l-veA’ tac-cirkostanzi u ghaldaqstant, ma tridx li l-intimat jibqa’ jidher fuq ic-certifikat tat-twelid bhala missier il-minuri;

Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li c-certifikat tat-twelid taghha jkun jirrispekkja r-realta’.

Illi ghal kull buon fini, ir-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri C ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista’ tigi eskluza l-possibilita’ li l-intimat E D huwa l-missier naturali tal-minuri;

Ghaldaqstant, l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-minuri C D m’hijiex il-wild naturali tal-intimat E D u li l-istess intimat m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri C D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem “E D”, in-numru tal-karta tal-identita’ rispettiva tal-intimat li ggib in-numru tlieta, erbgha, hamsa, zero, sebgha u disgha [345079(M], il-professjoni jew is-sengha tal-istess intimat, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza tal-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok inizzel “missier mhux maghruf” u tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri ghal dak “B” biex jirrispekkja kunjom l-omm naturali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat E D li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Gunju 2010 fejn il-konvenut E D, legalment rapprezentat, ta’ ruhu b’notifikat bl-atti tar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi preliminarjament in linea procedurali, galadarba din hija azzjoni diretta kontra persuna li fil-mument tidher bhala genitur huwa mehtieg li l-minuri C D jkollha kuratur ad litem hekk kif jiddisponu l-Artikoli 782 (b) u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament l-esponent itenni li huwa m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, senjatament dwar il-paternita’ tal-minuri E D, u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jissuggerixxi li tenut kont li din l-azzjoni tinkwadra ruhha abbazi tal-Artikoli 99 u 100 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tezercita l-fakolta' moghtija lilha ai termini tal-Artikolu 100A tal-imsemmi Kap. billi tistieden lill-partijiet koncernati sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta mahlufa tal-istess E D fejn dan eccepixxa:

Illi filwaqt li uhud mill-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors guramentat huma korretti, ohrajn m'humiex, u qed isiru sabiex ikunu parti minn manuvra ohra sabiex il-qerq tal-attrici jintefa' u jisfa fuq il-konvenut.

L-istorja hi illi l-konvenut u l-attrici kellhom relazzjoni meta l-attrici kienet mizzewga u tabita mar-ragel taghha. Wara certu zmien twieldet il-minuri C D. Tlett ijiem wara li twieldet l-istess minuri, l-attrici telqet lir-ragel taghha u marret toqghod wahedha San Pawl il-Bahar. Sussegwentement sar test tad-DNA biex isir maghruf jekk il-minuri hijiex il-wild naturali tar-ragel tal-attrici u rrizulta li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tar-ragel tal-attrici. L-attrici b'mod qarrieqi ma zvelatx lill-konvenut li fl-istess zmien kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohrajn.

Sussegwentement, il-konvenut u l-attrici marru joqoghdu flimkien fis-Salini u wara Hal Qormi f'proprjeta' ta' missier il-konvenut.

Meta wasal iz-zmien biex il-minuri tibda tattendi l-iskola, il-konvenut ma xtaqx li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jibqa'

jindika unknown father. Dan aktar u aktar meta l-attrici b’mod qarrieqi kienet issahhah il-konvinzjoni tal-konvenut b’kummenti konstanti bhal “il-mixja tal-papa’”, “id-dahqa tal-papa’” u “il-harsa tal-papa’” b’referenza diretta ghall-konvenut. Meta l-konvenut zvela din ix-xewqa tieghu lill-attrici, l-istess attrici pproponiet zewg alternattivi. Wahda li l-konvenut u l-attrici jizzewgu, meta kienet taf li dan ma setax isehh ghaliex hija kienet diga’ mizzewga u l-ohra li jmorru ghand nutar u jsiru l-atti relattivi. Fl-ebda mument ma ssemma DNA test jew xi test genetiku iehor ghaliex l-attrici kienet taf li seta’ jigi zvelat li l-konvenut seta’ ma kienx il-missier naturali tal-minuri. Il-konvenut, kif ukoll il-familja tieghu, kien qieghed jipprovdi kemm ghall-attrici kif ukoll ghall-minuri, ghalhekk l-attrici b’mod qarrieqi baqghet siekta ghax kienet komda u ma riditx titlef dawn il-provvedimenti.

Wara dan kollu, meta ghadda z-zmien, l-attrici ghogobha li titlaq lill-konvenut u tmur tghix ma’ ragel iehor. Kien f’dan l-istadju li l-konvenut sar jaf li l-minuri setghet ma kinitx il-wild naturali tieghu. Kien f’dan l-istadju li l-attrici zvelat li l-minuri setghet ma kinitx il-wild naturali tal-konvenut ghaliex issa qieghed jipprovdilha xi hadd iehor. Kien f’dan l-istadju, wara hames snin mit-twelid tal-minuri li l-attrici ghamlet il-kalkolazzjoni tal-granet relattivi tal-koncepiment meta kienet taf li meta twieldet il-minuri, il-konvenut seta’ ma kienx il-missier naturali tal-minuri. Kien wara dan kollu li u gew intavolati dawn il-proceduri.

Din il-kawza hija ukoll parti minn strategija sabiex il-qerq tal-attrici jintefa’ fuq il-konvenut.

Din hi retroxena li l-Qorti trid tapprezza f’dawn il-proceduri.

Il-konvenut jirrileva li l-indirizz provdut mill-attrici m’huwiex l-indirizz ta’ fejn hija qieghda tirrisjedi. Dan huwa l-indirizz tar-residenza ta’ omm l-attrici. L-attrici qieghda tirrisjedi fil-Hamrun.

Il-konvenut jiddikjara li hu lest li jissottometti ruhu ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom

tista' tigi eskluza l-possibilita' li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri.

Il-konvenut hu tal-fehma illi huwa fl-interess ta' kulhadd illi t-testijiet genetici fuqu jsiru f'hinijiet differenti minn dawk fuq l-attrici u l-minuri.

Il-konvenut hu tal-fehma ukoll illi huwa fl-interess ta' kulhadd illi l-Qorti tordna dawn it-testijiet genetici b'urgenza halli din il-kwistjoni tinqata' darba ghal dejjem kemm jista' jkun malajr.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ghandha tordna li jsiru kemm jista' jkun malajr it-testijiet genetici u billi tiehu in konjizzjoni tal-qerq tal-attrici tikkundanna lill-istess attrici thallas l-ispejjez in konnessjoni mat-testijiet genetici, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi ghall-minuri Dr. Adrian Camilleri l-Prokuratur Legali Victor Bugeja.

Rat id-dokumenti u l-affidavit kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi E D, rikonoxxut legalment bhala missier bintha minuri C, m'huwiex fil-fatt missierha.

Jirrizulta mill-provi illi dak li ssostni A B huwa minnu fis-sens li missier bintha m'huwiex E D. Dan gie pruvat partikolarment u essenzjalment mir-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti fuq kampjuni tad-DNA tal-minuri u ta' E D, liema rizultanzi gew konfermati bil-gurament minn Dr. Renald Blundell u Dr. Rolf Burkhard fil-Germanja.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C li twieldet fil-5 ta' Gunju tas-sena 2005 m'hijiex wild E D;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li mill-Att tat-Twelid Nru. 1817 tas-sena 2005 mill-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati kollha ta' E D u jitnizzlu minflok il-kliem "missier mhux maghruf". Kunjom it-tarbija ghandu jkun B.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------